MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2009

Rikors Numru. 746/2008

Mario **AZZOPARDI** u martu Maryanne *sive* Marlene Azzopardi

vs

Suzanne **SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta' Lulju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, Suzanne Sammut (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutata") talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-intimati eżekutanti Mario u Marlene miżżewġin Azzopardi (aktar 'il quddiem imsejħin l-"eżekutanti") fit-30 ta' Ġunju, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b), (ċ), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) f'każ li ma ssibx li għandha tħassar l-imsemmija Mandat, torbot lill-esekutanti bl-għoti ta' garanzija xierqa favur l-eżekutata għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi, f'dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha li jixraq tagħtihom, b'dan li jekk kemm-il darba jonqsu milli jressqu dik il-garanzija fiż-żmien mogħti, l-Qorti tiddikjara li l-Mandat waqa';

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Awissu, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2008;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutata fit-12 ta' Settembru, 2008, bid-dokument mehmuż magħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti miżżewġin Azzopardi fil-15 ta' Ottubru, 2008, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutata billi warrbu l-aggravji tagħha u qalu li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tagħha;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-eżekutanti waqt is-smigħ tat-13 ta' Novembru, 2008[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] L-A.I.Ċ. Godwin P. Abela, f'paġġ. 28 sa 31 tal-atti

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Nobembru, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti trid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-eżektanti f'Ġunju tal-2006;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandati m'għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant; (ċ) li l-ammont mitlub fil-Mandati mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; (d) li l-garanzija mogħtija jmissha titqies biżżejjed u (e) fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandati jibqgħu fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-eżekutanti jiġu ordnati jagħtu garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni u l-imgħaxijiet li hija qiegħda ġġarrab sakemm il-Mandat idum fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu

jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandati. Dwar dan il-fatt, seħaq ħafna l-għaref difensur tal-eżekutanti waqt it-trattazzjoni tal-għeluq;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata fit-30 ta' Ġunju, 2006, u kien notifikat lil ħames sekwestratarji – banek kummerċjali u Awtorita' pubblika. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' tletin elf lira Maltin (Lm 30,000)[3] u l-kawżali tirreferi għal "danni u spejjeż rimedjali kawżati minn Suzanne Sammut". Il-Mandat inħareġ dak inhar li l-eżekutanti fetħu kawża[4] kontra l-eżekutata għad-danni minħabba ħsarat li huma jgħidu li ġarrbu f'ġid tagħhom minħabba li l-eżekutata tellgħet bini fuq l-arja ta' blokka appartamenti bl-isem ta' "*Casa Carlo*", f'Dawret San Pawl il-Baħar;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti ssejjes it-talbiet tagħha. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi r-rikorrenti ssemmi ħames kawżali li dwarhom tistenna li t-talbiet tagħha jiġu meqjusa:

---

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[3] Ekwivalenti għal € 69,881.20 fi flus tal-lum
[4] Rik. Nru. 593/06JRM
[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[6]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrenti ssostni li l-Mandat maħruġ mill-eżekutanti ma jwettaqx dak li l-liġi titlob fl-artikolu 831(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri li jgħidu x'inhi l-oriġini u x-xorta tal-kreditu minnhom pretiż kontriha;

Illi, kif ingħad, l-eżekutanti semmew x'kienet il-pretensjoni li b'kawtela għaliha talbu l-ħruġ tal-Mandat. Dik il-kawżali tfisser ukoll il-bażi ġuridika tal-istess pretensjoni u għalhekk twettaq dak li titlob il-liġi. Imkien fil-liġi ma jintalab li l-kawżali ta' Mandat kawtelatorju tkun tfisser grafikament il-bażi tal-pretensjoni, u huwa biss fejn il-pretensjoni tkun imfissra bi kliem vag li jista' jingħad li r-rikorrent ikun naqas li jħares il-liġi;

Illi b'żieda ma' dan, ir-rikorrenti ma wrietx kif dan l-aggravju rriżulta **wara** li kien inħareġ il-Mandat, imma għall-kuntrarju, hija tisħaq li dan in-nuqqas kien jeżisti sa minn dak il-ħin li l-Mandat inħareġ;

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhiex turi raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti tgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal- eżekutanti tinsab fil-ġid innifsu li hija qiegħda tiżviluppa u li ġabet dwaru stima li turi kemm jiswa dak il-ġid[7], u kemm jista' jinkera li kieku kien tlesta[8]. Dwar dan ukoll, hija ressqet kopja ta' riċerki ta' trasferimenti li juru t-titolu tagħha[9];

Illi huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess parti eżekutata, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi l-eżekutanti jgħidu li dak il-ġid ma jista' qatt ikun garanzija tajba għall-pretensjonijiet tagħhom, meta l-istess ġid tal-eżekutata huwa żvilupp li, bis-saħħa tal-kawża li fetħu kontra l-istess eżekutata, huma jridu li jitneħħa għaliex huwa l-iżvilupp li qiegħed jippreikola l-binja kollha u qiegħed jikkawża l-ħsara li huma jallegaw li qegħdin iġarrbu. Dan l-argument għandu s-siwi tiegħu, u jekk kemm-il darba sejjer jirriżultaw mistħoqqa t-talbiet tal-eżekutanti fil-kawża tagħhom, hemm il-possibilita' li l-bini li tkun tellgħet l-eżekutata jitneħħa. Jekk jiġri hekk, ikun minnu li l-ġid tagħha ma jistax ikun ta' garanzija għall-pretensjonijiet tagħhom;

Illi, fit-tieni lok, l-eżekutata tgħid li hija offriet lill-eżekutanti li tikteb garanzija fuq ġidha fis-sura ta' ipoteka speċjali favur l-eżekutanti. Il-Qorti, filwaqt li ma ssib xejn ħażin f'offerta bħal din, ma tistax taċċetta li din hija ekwivalenti għal garanzija oħra **eżistenti** għaliex hija biss offerta.

[7] Paġ. 7 tal-atti
[8] Paġ. 8 tal-atti
[9] Paġġ. 18 sa 21 tal-atti

Kif ingħad qabel, il-garanzija alternativa għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti eżekutata li tkun disponibbli, u mhux fuq sempliċi wegħda. Din il-Qorti ma tistax timponi din l-offerta fuq l-eżekutanti, għalkemm temmen li, kieku hemm qbil, hija proposta għaqlija u fattibbli;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

Ċ) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. F'dan il-każ ir-rikorrenti tgħid li l-għażla tal-eżekutanti dwar l-ammont tal-pretensjoni tagħhom hija waħda għal kollox arbitrarja u mingħajr l-ebda bażi;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[10];

Illi l-eżekutata naqset li turi kif l-ammont ta' danni pretiż mill-eżekutanti huwa wieħed arbitrarju. L-argument li hija ressqet dwar din il-kawżali huwa wieħed li l-Qorti tista' tqis biss meta tisma' l-kawża fil-mertu u wara li tara l-fehma tal-perit tekniku maħtur minnha. Ladarba l-perit għadu ma temmx il-ħatra tiegħu, ikun prematur li wieħed jgħid li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija waħda eżaġerata;

[10] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

D) Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ). Fis-sewwa jingħad li din il-kawżali lanqas biss reġgħet issemmiet waqt it-trattazzjoni tal-għeluq mill-għaref difensur tal-eżekutata;

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

E) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti ttenni li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas ta' kumpens għad-danni li huma jgħidu li ġarrbu minħabba l-bini li ttella' mill-eżekutata, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[11]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

---

[11] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, l-Qorti tara li ma jidher xejn irraġonevoli li persuna tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat bħala dannu mġarrab.  Għalhekk, il-Qorti ssib li m'hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ir-rimedju alternativ tal-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutanti, ladarba l-Qorti ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tordna t-tħassir tal-Mandat[12];

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-kumpannija intimata eżekutanti, irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba.  Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[13].  Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[14];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[15], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra

---

[12] Art. 838A tal-Kap 12
[13] Ara  P.A. GC **4.10.2002**  fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana  vs  Rudolphe Gaerty***
[14] Ara  P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb  vs  Port Cottonera Ltd.***
[15] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe  vs  Alex Sullivan***

tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi l-eżekutata wriet fil-grad tal-*prima facie* li l-Mandat effettivament żammha milli tkompli tiffinanzja l-proġett tal-bini u ttemm ir-rifinitura tal-appartament u l-benefikati li bniet. Dan, bil-konsegwenza tat-telf ta' dħul li kieku kienet iddaħħal kieku l-bini kien lest. Intwera, fuq kollox, li dan kollu seħħ direttament bħala konsegwenza tal-Mandat;

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li teżisti raġuni tajba biex tordna t-tqegħid min-naħa tal-eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-eventwalita' ta' ħsara, imgħax u spejjeż li r-rikorrenti eżekutata tista' turi li qiegħda ġġarrab minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti qegħda tistabilixxi tali garanzija fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), liema garanzija għandha titressaq fi żmien għoxrin (20) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment ikun notifikat lill-eżekutanti, liema notifika għandha ssir mill-eżekutata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutata billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ talbiet** tagħha għaliex ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, u billi ma jeżistux iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tħassar il-Mandat;

**Tilqa’ t-tielet talba** u tordna li l-intimati eżekutanti miżżewġin Azzopardi jressqu garanzija tajba għall-ammont ta’ għaxart elef euro (€10,000) fiż-żmien u bil-mod li ssemma aktar ’il fuq;

L-**ispejjeż ta’ din il-proċedura** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------